**Ċ3.1.4**
nesploraw il-benefiċċji ta' meta naħdmu fi gruppi.

**A: Isma' x'inhuma jgħidu dawn. Imbagħad aħseb qabel twieġeb.**

*Jiena Rebecca. Jiena tifla ordnata u organizzata ħafna. Nieħu gost naħdem waħdi. Hawnhekk qiegħda fil-kamra tiegħi, naħdem. Meta l-għalliem jagħtina xi biċċa xogħol biex naħdmuha fi grupp, nieħu qatgħa.*
*Fid-dinja mhux kulħadd l-istess. Meta jkollna biċċa xogħol fi grupp, min jaħdem, u min jistrieħ fuq ix-xogħol tiegħek. U l-għalliem jgħid "Prosit!" lil kulħadd.*
*Mhux ġust hekk.*





*Aħna grupp ta' ħamest itfal li aħna tassew ħbieb Meta l-għalliema tagħtina xi biċċa xogħol biex naħdmuha bħala grupp, nitolbuha bil-ħniena biex tpoġġina flimkien. L-hena tagħna nagħmlu biċċa xogħol flimkien. Vera niftiehmu bejnietna.*
*Nhar ta' Ħadd niltaqgħu l-bandli; il-ġenituri tagħna joqogħdu jitkellmu, aħna noqogħdu nilagħbu.*
*VIVA L-ĦBIEB!*

**Taħriġ orali**: (*kulħadd għandu jingħata ċ-ċans li jgħid l-ideat tiegħu*)

1. Inti x'tip ta' persuna taħseb li inti, bħal Rebecca jew bħall-ħamest iħbieb l-oħra?
2. Għaliex Rebecca ma tħobbx taħdem fi grupp? Taqbel magħha?
3. Semmi xi ħaġa tajba li tista' toħroġ meta minflok waħdek taħdem fi grupp.
4. Meta nħossu li xi ħadd mill-grupp tagħna ma mexiex tajjeb, x'għandna nagħmlu?
5. Meta fil-grupp tagħna jkun hemm nuqqas ta' ftehim, x'għandna nagħmlu?

**B:** <u>**Ikteb TAJJEB jew ĦAŻIN fil-kaxxi l-vojta.**</u>

| | | **Tajjeb / Ħażin** |
|---|---|---|
| 1 | Meta sħabi jfaħħruni, nieħu pjaċir. | |
| 2 | Meta sħabi jgħidu fuqi minn warajja, niddejjaq. | |
| 3 | Meta sħabi tal-klassi jiġġieldu miegħi, nieħu pjaċir. | |
| 4 | Meta t-tfal ma jħallunix nilgħab magħhom, niddejjaq. | |
| 5 | Meta t-tfal ma jkellmunix, inħossni waħdi. | |
| 6 | Huwa importanti li jkollok il-ħbieb f'ħajtek. | |
| 7 | Ħbieb tajba jkellmu lil xulxin darba fis-sena biss. | |
| 8 | Meta jiltaqgħu flimkien, il-ħbieb jieħdu gost. | |

**Ċ: Ħares lejn l-istampa, imbagħad kompli ż-żewġ sentenzi li ġejjin.**

1. Meta grupp ta' tfal li jkunu ħbieb jiltaqgħu flimkien,

   ____________________________________

   ____________________________________

   ____________________________________



2. Waqt il-logħob, il-ħbieb ta' vera

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

**D: Ikteb TAJJEB jew ĦAŻIN fil-kaxxi l-vojta.**



| | | Tajjeb / Ħażin |
|---|---|---|
| 1 | Meta nilgħab ma' sħabi nieħu gost. | |
| 2 | Min ma jċedi qatt waqt il-logħob, ma jkollux ħafna ħbieb. | |
| 3 | Il-ħbieb ta' vera jgħinu ħafna lil xulxin. | |
| 4 | Min hu ġellied, ma jkollux ħbieb. | |
| 5 | Fil-klassi għandna ngħinu lil min hu ħabib tagħna biss. | |
| 6 | Fi grupp insibu persuna waħda biss. | |
| 7 | Meta naħdmu bħala grupp, naħdmu ħafna aħjar. | |
| 8 | Fi grupp ta' ħbieb issib kemm subien kif ukoll bniet. | |

## E: Immarka bis-sinjal ✓ dawk li jaqblu mal-istampa.



1. grupp ta' erbat itfal _________
2. jidhru subien biss _________
3. jidhru bniet biss _________
4. jidhru bniet u subien _________
5. jidhru ferħanin _________
6. jidhru mdejqin _________
7. qegħdin jilagħbu l-ballun _________
8. jidher raġel u erba' nisa _________
9. miġġildin bejniethom _________
10. tfal ta' ħmistax-il sena _________

## E. Wieġeb:

1. X'jisimhom it-tfal li qegħdin fil-grupp tiegħek fil-klassi?

2. X'tagħmlu flimkien?

........................................................................................................................................